**16 ta' Diċembru, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**

Dr. Simon Micallef Stafrace LL.D., bħala rappreżentant tas-soċjetà Formosa & Camilleri u din bħala aġenti Malta tas-Soċejtà assikurattriċi estera *Guardian Royal Exchange Insurance plc* issurrogati fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħhom *Muscat Motors Limited*

*versus*

John E. Sullivan u Joseph E. Sullivan bħala diretturi għan-nom u in rappresentenza tas-soċjetà *Sullivan Shipping Agencies Limited* u dina bħala aġenti Malta ta' *Grimaldi Ferry Lines* armaturi/proprjetarji tal-vapur *Freccia Dell'Ovest* u in rappresentenza ta' l-istess, u Godwin Abela u Alfred E. Aquilina bħala direttur għan-nom u in rappresentenza tas-Soċjetà *The Cargo Handling Company Limited*

**Danni – Merkanzija – *Gate Pass Out***

*L-attur assikuratur issurrogat fittex għal xi ħsarat f'vetturi li ġew importati. Irriżulta mill-provi li tliet karozzi ġew sbarkati f'kondizzjoni tajba u sħiħa, iżda meta ġew irtirati minn taħt il-ġurisdizzjoni tas-soċjetà konvenuta "The Cargo Handling Co. Ltd." instab li kien hemm xi nuqqasijiet.*

*Il-"Gate Pass Out" hu dokument importanti għall-kumpanija konvenuta Cargo Handling għaliex la darba d-dokument jiġi ffirmat u ċċertifikat li l-merkanzija ġiet riċevuta "in good order and condition" ir-responsabbilità ta' tali merkanzija tgħaddi f'iden l-importatur. Dan ma jfissirx però li dan huwa prova fih innifsu ta' l-awtentiċità assoluta u jista' jiġi attakkat b'suċċess bi prova kontrarja. Ġie stabbilit illi minkejja l-kontenut tal-Gate Pass Out, għan-nuqqasijiet kellha twieġeb is-soċjetà konvenuta "The Cargo Handling". Is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell salv xi varjazzjoni fuq il-kap ta' l-ispejjeż.*

Il-Qorti: –

Rat l-avviż ippreżentat mill-attur *nomine* fil-11 ta' Jannar, 1993, fejn talab lil din il-Qorti li tikkunanna lill-konvenuti jew min minnhom, li jħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' mitejn u ħamsa u tletin lira u sittin ċenteżmu (Lm235.60), inkluż f'dan l-ammont ta' ħamsa u għoxrin lira imħallsa bħala *survey fee* (Lm25), danni sofferti mill-assikurat ta' l-attur *nomine*, meta l-merkanzija li waslet lill-attur fuq il-vapur *Freccia Dell'Ovest* fit-13 ta' Jannar, 1992, ġiet lilu kkonsenjata b'nuqqasijiet, b'*tort* tal-konvenuti *nomine* jew minn minnhom, u għal liema ammont, l-istanti *nomine* kellu jagħmel garanti minħabba polza ta' assikurazzjoni, u l-istanti ġew ssurrogat, bil-liġi u bil-polza, fid-drittijiet ta' l-assikurat tiegħu;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond il-liġi kontra l-konvenut mid-data tas-surroga, liema konvenuti ġew inġunti għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela *nomine,* fejn eċċepew illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, *stante* li s-soċjetà *"The Cargo Handling Co. Ltd."* ikkonsenjat il-merkanzija u qdiet il-funzjonijiet kollha bil-diliġenza rikjesta minnhom mil-liġi;

2. Illi fit-tieni lok u bla preġudizzju għall-premess, l-allegati danni huma għal kollox esaġerati;

3. Illi fit-tielet lok u bla preġudizzju għall-premess għandha tiġi ppruvata l-allegata surroga;

4. Illi fir-raba' lok u bla preġudizzju għall-premess, għandha ssir prova kif, meta u minn min sar l-allegat ħlas ta' l-allegati danni;

5. *Illi fil-ħames lok* u *bla preġudizzju għall-premess, l-*interessi jiddekorru mid-data ta' l-avviż *stante* li *si tratta* dwar kawża ta' danni (Sentenza ta' l-Appell Sede Kummerċjali deċiża fis-6 ta' April 1992 – Ċitaz. Nru. 112/86 – Dr. Robert Staines u Walter Camilleri *vs* Chev. Silvio Mifsud, Godwin Ablea u John Cavallo);

Rat illi l-attur ċeda l-atti tal-kawża fil-konfront tal-konvenuti John E. Sullivan u Joseph E. Sullivan *nomine,* iżda żamm ferm it-talbiet tiegħu kontra l-konvenuti Godwin Abela u Alfred E. Aquilina *nomine;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet premessi fit-2 ta' Ottubru, 1993, li biha ddeċidiet il-kawża billi wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ,

laqgħet it-talba ta' l-attur u kkundannat lill-konvenut Godwin Abela *et nomine* li jħallas lill-attur *nomine,* is-somma ta' Lm235 inklużi f'dan l-ammont, Lm25 *survey fee,* danni sofferti mill-assikurat ta' l-attur *nomine* meta l-merkanzija li waslitlu fuq il-vapur *"Freccia Dell'Ovest"* fit-13 ta' Jannar, 1992, ġiet lilu kkonsenjata b'nuqqasijiet, b'tort ta' l-istess fuq imsemmi konvenut *nomine,* u għal liema ammont l-attur *nomine* kellu jħallas minħabba polza ta' assikurazzjoni, u l-attur ġie ssurrogat bil-liġi u bil-polza, fid-drittijiet ta' l-assikurat tiegħu. Bl-ispejjeż kontra Godwin Abela *nomine* u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej:

Illi rriżulta mill-provi, li fit-13 ta' Jannar, 1992, ġew impurtati f'Malta, permezz tal-vapur *"Freccia Dell'Ovest"*, tliet karozzi tat-tip *Rover Mini City.* Dawn il-karozzi ġew sbarkati f'kondizzjoni tajba u sħiħa, iżda meta ġew irtirati minn taħt il-ġurisdizzjoni tal-*"Cargo Handling"*, instab li kien hemm xi nuqqasijiet kif aħjar deskritta mis-*'survey report'* esebit f'dawn l-atti. Il-*'Gate Pass-Out'* però hija *"clean"* bl-ebda rimarka ta' xi nuqqas;

*Omissis;*

Ma hemmx dubju illi l-*"Gate Pass Out"* hu dokument importanti għall-kumpanija konvenuta *"Cargo Handling"* u kif qalet il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża **"James Felice *et noe vs* Godwin Abela *et noe*"** (13-4-89), darba dan id-dokument jiġi ffirmat u ċċertifikat illi l-merkanzija ġiet *'received in good order and condition',* ir-responsabbilità ta' tali merkanzija tgħaddi f'idejn l-importatur. Dana ma jfissirx però li dan hu prova fih innifsu ta' awtentiċità assoluta, u jista' jiġi attakkat b'suċċess bi prova kontrarja bħal ma *del resto* jista' jsir b'*tally sheet* (ara

**Camilleri** ***vs*** **Abela** ***et*** Appell Kummerċ. 3-12-1991);

F'dan il-każ, il-Qorti hi sodisfatta li l-ħsara subita fuq dawn it-tliet vetturi saret meta dawn kienu taħt il-kustodju tal-kumpanija konvenuta *"Cargo Handling"* u li tagħha hi r-responsabbilità. Ma tistax ma tikkummentax iżda, li l-importatur ġie kważi rrikattat, jekk mhux mill-kumpanija, minn xi *'delivery clerk'* tagħha li jekk ma jiffirmawx *clean* *"Gate Pass Out"*, il-vetturi *ma joħorġux, b'konsegwenza ta' aktar danni għall-*importatur. Dan hu abbuż mill-aktar serju li jistħoqqlu aktar investigazzjoni mill-Awtoritajiet ikkonċernati;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Godwin Abela *et nomine* ppreżentata fis-7 ta' Ottubru, 1993;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' Godwin Abela *et nomine* ppreżentata fit-8 ta' Ottubru, 1993, li biha talbu bir-rispett lil din il-Qorti li jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata ta' l-4 ta' Ottubru, 1992, fl-ismijiet premessi u dan billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur nomine fil-konfront ta' l-appellanti nomine, u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellanti *nomine* bl-ispejjeż *taż-żewġ* istanzi;

Rat ir-risposta ta' l-appellat għall-petizzjoni ta' l-appell ta' l-appellant;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi rigward l-ewwel aggravju għandu jingħad li kif sewwa rrimarkaw l-appellanti, l-*invoices* u *Bill of Lading* li ġew esebiti, jindikaw biss il-kundizzjoni esterjuri tal-vetturi in kwistjoni meta dawn jitgħabbew fuq il-vapur. In fatti, fil-*Bill of Lading* relattiva a fol. 28 tal-proċess insibu l-kliem eżatt *"shipped in apparent good order and condition"*. Noel Ellul għall-attur, esebixxa wkoll *Tally Sheet* li saret meta l-vapur wasal Malta u niżżel il-merkanzija;

Mid-dokument a fol. 29 tal-proċess u ċjoè l-*Condition Report* magħmul mill-assikurat meta l-karozzi *"de quo"* waslu fil-*garages* tiegħu, jirriżulta li l-affarijiet li fuqhom saru l-ilmenti, huma kollha affarijiet li qegħdin fuq barra tal-karozzi u għalhekk jidhru. Minn dan jidher għalhekk li billi fil-*Bill of Lading* hemm *"shipped in apparent good order and condition"*, in-nuqqasijiet irreklamati mis-Soċjetà assikurata ma kinux hemm meta l-karozzi tgħabbew fuq il-vapur;

Mit-*Tally Sheet* li saret meta l-karozzi in kwistjoni niżlu l-art ma jirriżultax li dawn kellhom in-nuqassijiet ilmentati u in fatti m'hemm xejn imnizzel fl-istess *Tally Sheet* li kien hemm dawn in-nuqqasijiet. Skond l-assikurat tas-Soċjetà attriċi, in-nies tiegħu kienu indunaw b'dawn in-nuqqasijiet meta l-karozzi kienu tpoġġew f'*Shed* Nru. 3, *Lab. Wharf, Deep Water Quay*. Dan kollu jindika b'mod assolut li dan in-nuqqasijiet ġew ikkawżati wara li l-karozzi *"de quo"* kienu tnizzlu l-art u għaddew f'idejn is-Soċjetà konvenuta. Tant kienu jidhru n-nuqqasijiet, li skond Sandro Bugeja, meta marru fil-maħżen tal-konvenuta, biex jirtirawhom, mill-ewwel indunaw bihom;

Ġara però li l-impjegati tas-soċjetà però ma ridux jagħtuhom l-*"gate pass out"* bin-nuqqasijiet imnizzlin ġo fiha, għaliex qalu

li fit-*tally sheet* (li ma jidhirx li ġiet esebita) tagħhom, ma kienx hemm indikazzjoni ta' l-imsemmija nuqqasijiet. Issa Sandro Bugeja għas-soċjetà assikurata ma setax iħalli l-karozzi in kwistjoni fil-post billi dawn kienu ġà mibjugħin u li kieku kellu jħallihom hemm aktar kienu jiżdidulu l-ispejjeż. Barra minn hekk ukoll, huwa kellu istruzzjonijiet mis-superjuri tiegħu li joħroġ il-vetturi anki jekk il-*Cargo Handling* tirrifjuta tnizzel li kien hemm xi nuqqasijiet;

*Omissis;*

Il-Qorti wara li eżaminat sewwa d-dokumenti u x-xhieda prodotti fil-kawża, hija sodisfatta li l-karrozzi in kwistjoni niżlu l-art f'kundizzjoni tajba u li n-nuqqasijiet ilmentati saru meta dawn l-istess karozzi kienu f'idejn is-Soċjetà konvenuta, u dan sakemm ġew biex jinħarġu mill-assikurata ta' l-attriċi *nomine*. Il-Qorti hi konvinta li hu veru li d-*delivery Clerk* tal-konvenuta kien irrifjuta li jnizzel fil-*gate pass out* in-nuqqasijiet in kwistjoni, u li biex l-assikurat ikun jista' joħroġ l-imsemmija karozzi kemm jista' jkun malajr, bilfors li kellu jiffirma l-*Gate Pass Out* kif inhi. Dan l-aġir suspettuż tad-*delivery clerk* jirrendi l-konvenut ta' l-istess suspettuż. L-alternattiva li kellu l-impjegat tas-soċjetà assikurata kienet li dan kien ikollu jħalli l-karozzi għand il-konvenuta fil-post stess fejn ġew kommessi n-nuqqasijiet in kwistjoni, u bil-biża' li dawn setgħu jiżdiedu u barra minn hekk, jeħel aktar spejjeż. Taħt iċ-ċirkostanzi, dan l-ilment ta' l-appellant ma jistax jiġi milqugħ;

Illi t-tieni aggravju ta' l-appellant ukoll jidher li għandu jiġi miċħud. In fatti jidher li l-konvenuta appellanti konvenjentement qiegħda tinjora għal kollox dak li xehed Sandro Bugeja li hu impjegat tas-soċjetà konvenuta. In fatti dan xehed "meta morna

fil-maħżen tas-soċjetà konvenuta, mal-ewwel indunajna li kien hemm dawn in-nuqqasijiet però l-*Cargo Handling* ma ridux jagħtuh l-*Gate Pass Out* ikkundizzjonat jiġifieri bin-nuqqasijiet in kwistjoni msemmija fih;

Illi dwar it-tielet aggravji għandu jingħad dak li ġej: Dwar dan għandu jingħad li l-eċċezzjoni tal-konvenut fir-rigward hija t-tieni waħda mogħtija fin-nota tiegħu u ċjoè li l-allegati danni huma għal kollox esaġerti;

*Omissis;*

Il-konvenuti *nomine* però apparti li taw din l-eċċezzjoni ma jidher li għamlu xejn iktar biex jikkontestaw dan il-kont quddiem l-ewwel Qorti, għad li kellhom kull opportunità li jagħmlu hekk. Huma setgħu kieku riedu anki talbu n-nomina ta' perit tekniku biex jiċċekkja l-prezzijiet fil-kont esibit. Minflok huma pjuttost ħadu atteġġament negattiv;

*Omissis;*

Fil-fehma tal-Qorti lanqas ir-raba' aggravju ta' l-appellanti ma jista' jiġi milqugħ. In fatti jidher li lill-appellanti qabiżlu d-dokument a fol. 31 tal-proċess, li huwa pagament b'surroga kif isir is-soltu f'każijiet simili. Permezz ta' din l-iskrittura in fatti s-soċjetà *Muscats Motors Ltd.* wara li ddikjarat li kienet irċeviet l-ammont ta' Lm210.60,0 mingħandha, issurrogat lill-attriċi fid-drittijiet tagħha għall-istess somma. Kwindi jirriżulta ċar li kuntrarjament għal dak li qed jallegaw l-appellanti prova tas-surroga hemm fil-proċess u tikkonsisti fid-dokument fuq imsemmi;

Fil-ħames lok wara li qabel l-appellant kien qed jallega li hemm nuqqas ta' prova tas-surroga, issa bħala ħames aggravju qiegħed jissottometti li s-surroga kienet saret lis-soċjetà attriċi biss għas-somma ta' Lm210.60,0 u mhux għas-somma ta' Lm235.60,0. In fatti s-soċjetà *Muscats Motors Ltd.* irċeviet biss l-ewwel somma;

*Omissis;*

Għandu jingħad li f'dan il-każ, ukoll, quddiem l-ewwel Qorti ma ngħatat l-ebda eċċezzjoni f'dan is-sens mis-soċjetà konvenuta appellanti quddiem l-ewwel Qorti. Issa fil-fehma tal-Qorti lanqas hu sew li wieħed iħalli l-kawża miexja quddiem l-ewwel Qorti sa kemm tingħata sentenza mingħajr ma jissolleva din l-eċċezzjoni li fuq kollox hi ta' natura preliminari u joqgħod jistenna sa l-istadju ta' l-appell biex jissolleva din il-kwistjoni. Huwa fatt ukoll li skond is-surroga l-attriċi ġiet issurrogata mhux biss għas-somma ta' Lm210 iżda *"by virtue of such payment you are subrogated to all our rights and remedies etc."* (*Vide* fol. 31). Dan l-aggravju għalhekk qiegħed jiġi miċħud;

Rigward is-sitt aggravju ta' l-appellant għandu jingħad dak li ġej. Skond it-*Tally Sheet*, esibita l-karozzi niżlu mill-vapur fi stat tajjeb. Malli niżlu l-istess karozzi għaddew f'idejn is-soċjetà konvenuta. Issa jidher li meta *Muscats Motors* saru jafu bil-wasla tagħhom din bagħtet in-nies tagħha biex jarawhom u jirtirawhom. Skond Sandro Bugeja hu u min kellu miegħu mill-ewwel indunaw li fil-karozzi in kwistjoni kien hemm in-nuqqasijiet. Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li s-soċjetà konvenuta permezz ta' l-impjegati tagħha ma riditx tagħtihom il-*Gate Pass Out* ikkundizzjonat jiġifieri li fih ikun hemm imnizzel in-nuqqasijiet u/jew ħsara ma jfissirx b'daqshekk li allura ma kienx

hemm nuqqasijiet jew ħsara. Mix-xiehda li semgħet, il-Qorti tikkonkludi li l-verżjoni tax-xhieda prodotti mill-attriċi hija aktar attendibbli;

*Omissis;*

Rigward is-seba' lment ta' l-appellanti għandu jingħad li huma kellhom kwalunkwe okkażjoni biex jesiġu li jiġi esibit id-dokument in kwistjoni quddiem l-ewwel Qorti. Fil-fatt il-konvenut ma tat ebda eċċezzjoni f'dan is-sens quddiem il-Qorti l-oħra;

*Omissis;*

Illi dwar it-tmien ilment ta' l-appellanti għandu jingħad dak li ġej. Qabel xejn il-Qorti tħoss li għandha tirriferi lill-appellanti għal dak li ntqal minnha, meta kienet qiegħda tikkunsidra l-aggravji l-oħra preċedenti, issollevati minnhom. Fil-fatt is-*Survey Report* ta' meta niżlet il-merkanzija sar mit-*Tally Clerk* Paul Borg fit-13 ta' Jannar, 1992. Fuq dan is-*Survey* ma jidher li tniżżlu ebda rimarki dwar ħsarat jew nuqqasijiet u l-merkanzija *għaddiet għand is-soċjetà konvenuta u dak in-nhar il-karozzi* għaddew għand is-soċjetà konvenuta dak in-nhar f'din il-kundizzjoni;

Skond dak li xehed Joseph Attard rappreżentant tal-Kontrollur tad-Dwana, jirriżulta li fis-17 ta' Jannar, 1992, it-tliet karozzi in kwistjoni ġew skortati għax-*shed* jew *Bond* ta' *Muscats Motors* u ma jidher li saret ebda rimarka fuqhom. Il-Qorti tħoss li ma tantx tista' toqgħod fuq ix-xiehda ta' Joseph Attard. In fatti f'mument minnhom huwa qal li "Hija ħaġa normali li meta jkun hemm xi rimarka dwar xi karozza aħna

nnizzlu dan in-nuqqas fid-dokumenti tagħhom stess'' (fol. 36). Fil-fatt fid-dokument a fol. 38 m'hemm xejn imnizzel dwar nuqqasijiet. Joseph Attard *stess però aktar tard qal fix-xiehda* tiegħu li ''Ma neskludix il-possibilità li jkun hemm xi gwardjan li din ma jnizzilhiex''. F'dan il-każ partikolari huwa qal li ma kienx hu *l-fizzjal li* rrilaxxja l-karozzi *''de quo''*, iżda kien ħaddieħor li dak in-nhar kien irtirat. Nonostante din l-istqarrija ta' Joseph Attard is-soċjetà konvenuta baqgħet ma pproduċietx il-fizzjal li kien preżenti fil-ġurnata in kwistjoni u dan għad li l-kawża kienet fl-istadju tal-provi quddiem l-ewwel Qorti. Dan l-aggravju għalhekk qiegħed jiġi wkoll miċħud;

Illi rigward l-aħħar aggravju l-Qorti hi tal-fehma li għandu jiġi milqugħ. In fatti fil-bidu, l-attur *nomine*, aġixxa kemm kontra s-soċjetà konvenuta *''The Cargo Handling Company Limited''* kif ukoll kontra s-soċjetà *''Sullivan Shipping Agencies Ltd.''* u din bħala aġenta Malta ta' *Grimaldi – Ferry Lines* armaturi/proprjetarji tal-vapur *''Freccia dell'Ovest''* u in rappresentanza ta' l-*istess. Aktar tard però u ċjoè fis-seduta tal*-21 ta' Ġunju, 1993, l-attur *nomine* permezz ta' nota, ċeda l-atti tal-kawża kontra t-tieni soċjetà. Għalhekk jidher li hu ekwu u ġust li jekk din is-soċjetà laħqet inkorriet xi spejjeż dawn għandhom jiġu ssopportati mill-attur *nomine;*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-appell ta' Godwin Abela *et nomine* u tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet premessi fl-4 ta' Ottubru, 1993, ħlief għal li ddeċidiet dwar l-ispejjeż (*jekk fil-fatt ġew inkorsi xi spejjeż minnha*) tas-soċjetà *Sullivan's Shipping Agencies Ltd. nomine;*

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu ssopportati mis-soċjetà appellanti *"The Cargo Handling Co. Ltd."*.